# ID-DAWL

AWWISSU 2020 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 32

"Kulma hu fis-smewwiet
u fl-art ifaħħar 'l Alla."



Kollu Grazzja, il-Ħanin | L-Aċċettazzjoni tat-Talb | Għaliex teżisti t-Tbatija? | Alla Jeżisti?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# KOLLU GRAZZJA, IL-ĦANIN

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-kwistjoni tat-tiftix tal-verità dwar l-eżistenza ta' Alla hija waħda mill-aktar impenji fundamentali tal-istorja umana. Minn mindu bdiet din it-tiftixa, inkitbu b'oċeani ta' linka fuq is-suġġett biex infittxu t-tweġibiet għall-mistoqsija jekk Alla jeżistix. L-Iżlam jemmen b'mod kategoriku fl-eżistenza ta' Alla – Alla tal-popli kollha u ta' kull żmien.

Alla li naduraw u li nemmnu li hu omnipotenti hu kompletament sovran u għalhekk għandu l-qawwa li jagħmel kollox u kulma jrid. Fl-istess ħin, hu dejjem ħanin. Għalhekk, Alla s-Setgħani, fil-Koran ta lin-nies l-aħbar tajba li l-ħniena u l-kompassjoni tiegħu qegħdin hemm għal kulħadd. L-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes jitkellem dwar xi attributi fundamentali ta' Alla, u jgħid:

> **"F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin. It-tifħir kollu għal Alla, Sid id-Dinjiet kollha. Kollu Grazzja, il-Ħanin, Sid Jum il-Ħaqq."** (1:1-4)

Fl-edizzjoni preċedenti ddiskutejna s-suġġett tal-eżistenza ta' Alla, u nkomplu dan is-suġġett f'din l-edizzjoni wkoll; u qed nippreżentaw xi artikli li jqanqlu ħsieb u l-kwotazzjonijiet għall-qarrej tagħna dwar l-eżistenza ta' Alla.

## ID-DAWL

Awwissu 2020 – Numru 32 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| The Gracious, the Merciful | 02 |
| Acceptance of Prayer | 03 |
| Why there is Suffering | 04 |
| Does God Exist? | 06 |
| Sign of the Book | 08 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Saida Shigapova | Shutterstock

# L-AĊĊETTAZZJONI TAT-TALB

Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"F'punt partikolari tal-Koran Imqaddes, Alla l-Omnipotenti għażilha [l-aċċettazzjoni tat-talb] bħala sinjal tal-ammissjoni tiegħu li Huwa jisma' t-talb ta' dawk li huma mdejqin, bħalma jingħad:

**"Min iwieġeb lill-persuna mdejqa meta din issejjaħlU?"**[(i)]

(Il-Koran 27:63)

Wieħed żagħżugħ jismu Abdul Karim wasal Qadian minn Haiderabad Dakan. Inzerta li gidmu kelb irrabjat. Lokalment kull forma possibbli ta' kura ntużat biex tipprova tfejqu iżda kien kollu ta' xejn. Fl-aħħar intbagħat lejn l-isptar famuż ta' Kasuli. Wara li rritorna u s-sinjali tal-marda tiegħu bdew ifeġġu għal darba oħra, tabib ġie infurmat b'telegrafu biex jingħata parir. It-tweġiba mingħandu kienet:


Arapix | Shutterstock

**"Jiddispjaċina, xejn ma jista' jsir għal Abdul Karim."**

Kif ra dan il-Messija Mwiegħed[as] qal b'enfasi kbira:

**"M'għandhomx kura; madanakollu Alla Omnipotenti għandu kura."**

B'hekk, il-Messija Mwiegħed[as] talab b'mod ġenwin għal dak iż-żagħżugħ u, bis-saħħa ta' Alla Omnipotenti, dak iż-żagħżugħ li t-tobba tad-dinja ddikjaraw li m'hemmx fejqan għalih reġa' ħa saħħtu u għex ħajja twila.[(ii)]

(i) *Ruhani Khazain*, vol. 14, p. 259-260
*(ii) Ruhani Khazain* vol. 22 p. 480-481

## GĦALIEX TEŻISTI T-TBATIJA?

Darba waħda raħħal mar għand it-tabib għax ma kienx jiflaħ. Waqt li t-tabib beda biex jeżaminah, ir-raġel beda konverżazzjoni miegħu. Tkellmu dwar diversi suġġetti u affarijiet ta' interess. Meta l-kliem waqa' fuq Alla, it-tabib qal: "Jien ma nemminx li Alla jeżisti."

"Għaliex taħseb hekk?" staqsieh ir-raħħal.

"Ma tridx tkun xi għaref biex tinduna li ma jeżistix," wieġbu t-tabib. "Għidli ftit, li kieku Alla veru jeżisti, għaliex hawn dawn in-nies morda madwar id-dinja kollha? Għaliex hawn tant u tant tbatija?"

Ir-raħħal ħaseb għal ftit minuti imma ma qallu xejn. Wara li t-tabib kitiblu l-mediċina, hu ħallsu u telaq 'il barra.

Hekk kif ħareġ, ra raġel fit-triq li kien marid u kellu wġigħ f'rasu u kien qed jibki. Ir-raġel dar lura  u mar għand it-tabib.

Dan qallu: "Taf x'kont qed naħseb bejni u bejn ruħi? It-tobba ma jeżistux fid-dinja!"

"Kif tista' tgħid dan?" wieġbu sorpriż it-tabib. "Jien qiegħed hawn. Jien tabib u għadni kemm eżaminajtek. Taf li neżisti."

"Le," reġa' wieġbu r-raħħal. "It-tobba ma jeżistux għax li kieku ma kienx ikun hawn nies b'uġigħ, bħal dak ir-raġel li hemm hemmhekk."

"Imma t-tobba jeżistu tassew. Dak hu li jiġri meta n-nies jittraskuraw u ma jiġux għandi," wieġbu t-tabib.

"Eżatt!" qabel miegħu r-raħħal. "Dak hu l-punt tiegħi. Alla, ukoll, jeżisti! Dak hu li jiġri jekk aħna ma mmorrux għandu u ma nitolbuhx jgħinna. Għalhekk hawn ħafna tbatija fid-dinja għax ma nitolbux lil Alla, ma mmorrux għandu u għax lil Alla nsejnieh."



Hikrcn | Shutterstock

# ALLA JEŻISTI?

Fost l-oġġezzjonijiet li jitqajmu kontra r-reliġjon fil-ġurnata tal-lum mid-dinja materjalistika, l-akbar huma dawk li għandhom x'jaqsmu mal-eżistenza ta' Alla. Dawk li jqimu l-idoli jassoċjaw is-sħab m'Alla, iżda għall-inqas jemmnu fl-eżistenza Tiegħu. L-ateisti, min-naħa l-oħra, iwarrbu saħansitra l-idea ta' esseri divin. Is-sisien tax-xjenza kontemporanja huma mibnija [fuq il-prinċipju] tal-osservazzjoni; għaldaqstant l-ateisti jargumentaw li jekk hemm alla dan għandu jiġi muri lilhom, inkella jkun impossibbli għalihom li jemmnu fih.

**Il-modernità qerdet il-kunċett ta' Alla Qaddis mill-qlub tal-maġġoranza taż-żgħażagħ tagħna.** Mijiet ta' studenti fil-livell ta' kulleġġ, avukati u professjonisti oħra simili qed jitbiegħdu mill-emmna fl-eżistenza Tiegħu u kuljum l-għadd tagħhom qiegħed joktor. Barra minn hekk, il-qlub ta' eluf oħra huma nieqsa mill-fidi f'Alla, għalkemm dan ma juruhx pubblikament minħabba l-biża' ta' riperkussjonijiet li jista' jkollhom fil-komunità tagħhom.(i)



Sergey Nivens | Shutterstock

# IL-LIĠI TAN-NATURA

Dawk li jiċħdu l-eżistenza ta' Alla jagħmlu dan għaliex għandhom bżonn provi li jkunu perċettibbli bis-saħħa tas-sensi tagħhom. Dawn jikkontradixxu lilhom infushom, pereżempju, huma jemmnu fil-gravità mingħajr ma huma kapaċi jarawha; jinnotawha biss permezz tal-effetti tagħha.  Jemmnu li għandhom l-intellett imma ma jistgħux jaraw l-intellett u l-għerf tagħhom.

Jagħmel sens li nwarrbu t-twemmin f'Alla għaliex Alla ma jistax jidher bis-sensi tagħna? Anki minkejja li nemmnu f'dak kollu li jiċċirkondana bis-saħħa tal-effetti u s-sinjali tagħhom. L-Alla tal-Iżlam huwa viżibbli fin-natura u jiġi osservat bil-qlub tal-bnedmin; il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

> **"L-Alla tal-Iżlam huwa l-istess Alla li huwa viżibbli fil-mera tal-liġi tan-natura u jintlemaħ fil-ktieb tan-natura. L-Iżlam ma ppreżentax alla ġdid iżda ppreżenta l-istess Alla li hu ppreżentat bid-dawl li hemm fil-qalb tal-bniedem, fil-kuxjenza tal-bniedem, u fis-sema u l-art."**[ii]

Alla Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"U dawk li m'għandhomx għarfien jgħidu, 'Għalfejn Alla ma jkellimniex, jew jibagħtilna Sinjal?' Hekk qalu dawk ta' qabilhom simili għal kliemhom. Qlubhom huma l-istess. Aħna żgur għamilna s-Sinjali ċari għal dawk li tassew jemmnu."** (2:119)

Imbagħad, f'Kapitlu 31 vers 11, Alla jgħid:

> **"Huwa ħalaq is-smewwiet bla ebda kolonni ħalli intom tkunu tistgħu taraw, u Huwa qiegħed fl-art muntanji sodi ħalli din ma titheżżiżx bikom, u ferrex hemmhekk kull sura ta' kreatura; u Aħna bgħatna l-ilma mis-sħab, u kkawżajna t-tkabbir ta' kull speċi nobbli."**

# SINJAL TAL-KTIEB

Prova oħra tal-eżistenza Tiegħu hija l-isfida li għamel lill-umanità kollha: li ġġib xi ħaġa bħall-Koran Nobbli, l-aħħar Ktieb rivelat lill-umanità. Din l-isfida tibqa' tgħodd sa Jum il-Ġudizzju.

Alla Omnipotenti jgħid:

> **"Għidu, 'Jekk l-umanità u l-Ġinn jiltaqgħu flimkien biex joħolqu xi ħaġa bħal dan il-Koran, ma jkunux jistgħu jipproduċu xi ħaġa simili, anki jekk jgħinu lil xulxin.'"** (Il-Koran 17:89)

Aktar minn erbatax-il mitt sena għaddew iżda din l-isfida baqgħet hemm u lanqas eżempju wieħed ma nħoloq biex jilqa' din l-isfida. Dan mhux sinjal ċar tal-eżistenza ta' Alla? Alla juri lilu Nnifsu permezz tas-sinjali tiegħu. Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

> **"Alla juri lilu Nnifsu permezz tas-setgħat Tiegħu u s-sinjali Tiegħu u nistgħu nsibuh biss permezz Tiegħu stess. Huwa jidher dejjem lill-ġusti u jurihom il-qawwiet Tiegħu. B'hekk Huwa jingħaraf u b'hekk tingħaraf il-mogħdija li għandha l-approvazzjoni Tiegħu."**[(iii)]

---

(i) Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmud Aħmad[ra], *Għaxar Provi tal-Eżistenza ta' Alla*, p. 1
(ii) *Majmu'a Ishtiharat*, vol.2, p. 310-311
(iii) *Ruhani Khazain*, vol.20, p. 309-311

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**